L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 5 ta' Ġunju 2021 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**Il-Lingwa u l-Lingwistika**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Fl-aħħar snin il-popolazzjoni ta' pajjiżna żdiedet bl-għadd ġmielu ta' barranin li ġew jgħixu fostna biex jaħdmu. Hemm min isostni li mingħajrhom, l-ekonomija Maltija ma kinitx tieħu spinta imma oħrajn jemmnu li din is-sitwazzjoni qed tħalli għadd ta' konsegwenzi. Iddiskuti billi tesprimi l-fehma tiegħek fuq dan is-suġġett.

**JEW**

2. Uħud isostnu li l-aktar ħaġa importanti fil-ħajja hija s-saħħa, filwaqt li oħrajn jemmnu li hi l-flus għax mingħajrhom la tgħannaq u lanqas tbus! Min minnhom tqis li għandu raġun? Jew temmen li hemm affarijiet oħra li jtejbu l-istil tal-ħajja u li huma importanti wkoll? Iddiskuti u ġġustifika l-opinjonijiet tiegħek.

**JEW**

3. Il-mezzi soċjali saru parti integrali minn ħajjitna. Imma qegħdin iqarrbuna lejn xulxin jew qed iġelldunа aktar bejnietna? Qegħdin jgħinuna naħsbu b'moħħna u naġixxu f'isimna b'mod liberu? Spjega l-ħsibijiet tiegħek dwar dan anke billi tagħmel xi suġġerimenti li jidhirlek li jkunu utli għal dawk li huma attivi fuq Facebook, Instagram u TikTok.

**JEW**

4. L-imxija tal-COVID-19 biddlet id-dinja u ma laqtitx lil kulħadd l-istess. Hemm min mar tajjeb imma hemm ħafna oħrajn li ntlaqtu ħażin. Iddiskuti dan b'eżempji konkreti ta' kuntesti differenti.

**(Total: 20 marka)**

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IL-QARI

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Hekk konna ngħidu meta konna tfal: "Agħmel xita agħmel, ħalli jikber il-ħaxix; il-ħaxix nagħtuh lill-mogħża, u l-mogħża ttina l-ħalib". U jekk ma kinitx tagħmel xita, kien isir it-talb fil-knejjes biex il-Mulej jibagħtilna x-xita. U jekk xorta ma kinitx tagħmel, u jkun daħal l-istaġun, kont smajt li kienu jindaqqu l-qniepen tal-knisja biex tagħmel ix-xita. Bħallikieku d-daqq tal-qniepen kien se jxaqqaq is-sħab u jġiegħlu jbattal l-ilma li kien iħaddan fih. (par. 1)

U meta kienet tagħmel ix-xita u taqa' fuq is-soqfa tad-djar, kienet tinħażen fil-bjar u tfawwarhom, issaqqi l-uċuħ tar-raba', u x-xebgħa tal-ilma kienet tifforma nixxigħat iserrpu 'l hawn u 'l hemm li jferrgħu fil-widien. Ix-xita kienet timla wkoll il-ħofor tal-blat. U meta dawn kienu jimtlew, il-bajd ta' numru ta' ħlejjaq li kien qatta' sajf fit-tajn niexef, kien ifaqqas kif iħoss l-ilma. U kienu jidhru l-gamblu tal-għadajjar, il-gamblu tal-qoxra, u l-kopepodu tal-għadajjar. U fl-ilma aktar fond, bħal fil-widien, kienu jinġabru ż-żrinġijiet li joħorġu mill-moħba umda tagħhom fejn ikunu qattgħu s-sajf. U ismagħhom jgħajtu qishom maħnuqa sakemm jiġbdu sieħba li mbagħad tbid u jfaqqsu l-imrieżeb. U kienet tidher ukoll xi wirdiena tal-ilma titla' fil-wiċċ tieħu n-nifs qabel dlonk terġa' togħdos tikkaċċja l-ikel taħt l-ilma. (par. 2)

Illum il-folja nqalbet ta' taħt fuq. Illum sakemm wieħed jiftaħ il-vit u jsib l-ilma ma jinkwetax, ħadd ma jimpurtah minn xejn. Ħadd ma jqis li dak l-ilma qed jixrob spejjeż kbar fl-użu tal-enerġija biex minn ilma baħar jinqaleb f'ilma tajjeb għax-xorb. Veru li wħud jieħdu ħasda meta jasal il-kont tal-ilma u tad-dawl. Imma llum ħadd ma jnaddaf il-bejt biex l-ilma tax-xita nadif jinħażen ġol-bir. Mhux talli hekk, talli għal snin twal bil-barka ta' min imexxi, wieħed seta' u għadu jista' jarmi dan l-ilma fit-triq jew fid-drenaġġ. Ħadd ma jinkwieta meta jara t-tappieri tad-drenaġġ fit-triq qishom funtani, bl-ilma jaqbeż għax ma jifilħuhx aktar fihom. (par. 3)

U x'jimporta jekk dan l-ilma kollu jxaqleb lejn il-wied bil-ħmieġ u s-soppa ta' kimika li jġorr miegħu. Tisma' lil min jgħid li l-ħlejjaq tal-widien huma stejjer ta' żmien in-nanna. Illum ħadd ma għadu jitlob lil Alla biex jibagħtilna x-xita. Anzi, jekk wieħed ikun għadu jemmen f'Alla, jitolbu biex ma jibgħatx xita għax tagħmillu l-ħsara fid-dar, tibdel it-toroq fi xmajjar, twassal lid-drenaġġ biex jaqla' kollox u jobżqu fit-triq, u anki tgħarraq il-widien! (par. 4)

Din it-telqa u n-nuqqas ta' għarfien u rispett lejn il-ħolqien, il-ġirja għall-materjaliżmu tal-mument, u n-nuqqas ta' tmexxija għaqlija, wasslu biex il-ħażna tal-ilma tax-xita twarrbet għalkollox. X'differenza minn meta kien hawn il-Kavallieri u l-Ingliżi! Biex inraqqu l-pannu bil-qara' aħmar, u forsi biex intaffu xi ftit il-weġgħat tal-kuxjenza, il-gvernijiet bdew iħaffru mini taħt l-art fejn jiġi xkupat l-ilma mit-toroq u jintrema l-baħar. U qed jintefqu l-miljuni ta' ewro f'dan il-proġett, uħud minnhom miġjuba mill-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt qed ngħallmu lit-tfal biex irabbu kuxjenza u jibżgħu għal kull qatra ilma, filwaqt li l-poplu jonfoq il-miljuni biex jarmi l-baħar eluf ta' glalen ta' ilma tax-xita. (par. 5)

Ngħid jien, kieku jkun hawn daqsxejn ta' għaqal u ta' ppjanar bil-ħsieb, ma jkunx aħjar jekk tingħata l-għajnuna lil dawk li jixtiequ jħaffru bir jew ikabbru l-bir li għandhom, inkella biex jibnu ġiebja jew isewwu l-ġwiebi u l-bjar li hawn, uħud minnhom ta' żmien il-Kavallieri? B'hekk, kieku ma nkunux qed nużaw dawn il-flus aħjar u nieħdu minnhom xi ħaġa lura? Kieku, minbarra li niffrankaw il-flus, ma nkunux ukoll qed naħżnu u nibżgħu għall-ilma li jiġi b'xejn mis-sema? (par. 6)

U kieku niffrankaw dan l-ilma kollu, ma tonqosx it-talba għall-ilma mill-impjanti tat-tisfija, u l-ammont ta' żejt meħtieġ għall-enerġija għal dan il-għan? U jonqsu wkoll il-flus li jmorru barra biex jinxtara dan iż-żejt. U kieku jkollna din il-ħażna tal-ilma tax-xita, ma jonqosx anke l-għadd ta' dawk li jtellgħu l-ilma b'xejn mill-pjan biex ibigħuh? Kieku, il-ġenerazzjoni ta' għada ma ssibx pajjiż aħjar? Imma mur ifhem lil xi politikanti! (par. 7)

*(Addattata mill-artiklu "Agħmel xita agħmel" ta' Alfred E. Baldacchino li deher fis-sit newsbook.com.mt, 18.xi.2013)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija **vera**. (2)

   a. Skont l-awtur, fl-imgħoddi niesna kienu jirringrazzjaw 'l Alla għax-xita.
   b. Skont l-awtur, id-daqq tal-qniepen kien jibgħat xita abbundanti fil-gżejjer tagħna.
   ċ. Skont l-awtur, niesna kienu jitolbu 'l Alla meta ma tagħmilx xita.
   d. Skont l-awtur, Alla ma tantx kien jisma' t-talb tan-nies għax kien ikollhom idoqqu l-qniepen.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-**tajba.** (4)

   a. Il-kelma **iħaddan** fis-sentenza: "Bħallikieku d-daqq tal-qniepen kien se jxaqqaq is-sħab u jġiegħlu jbattal l-ilma li kien iħaddan fih." (par. 1) tfisser:
      i. jgħannaq
      ii. jaqbad
      iii. jiġbor
      iv. jarmi

   b. Il-kelma **jferrgħu** fis-sentenza: "U meta kienet tagħmel ix-xita u taqa' fuq is-soqfa tad-djar, kienet tinħażen fil-bjar u tfawwarhom, issaqqi l-uċuħ tar-raba', u x-xebgħa tal-ilma kienet tifforma nixxigħat iserrpu 'l hawn u 'l hemm li jferrgħu fil-widien." (par. 2) tfisser:
      i. ibattlu
      ii. jerfgħu
      iii. jduru
      iv. jersqu

   ċ. L-espressjoni **qed jixrob spejjeż kbar** fis-sentenza: "Ħadd ma jqis li dak l-ilma qed jixrob spejjeż kbar fl-użu tal-enerġija biex minn ilma baħar jinqaleb f'ilma tajjeb għax-xorb." (par. 3) tfisser:
      i. qed inaqqas l-ispejjeż
      ii. qed iżid l-ispejjeż
      iii. qed jillimita l-ispejjeż
      iv. qed jelimina l-ispejjeż

   d. L-idjoma **inraqqu l-pannu bil-qara' aħmar** fis-sentenza: "Biex inraqqu l-pannu bil-qara' aħmar, u forsi biex intaffu xi ftit il-weġgħat tal-kuxjenza, il-gvernijiet bdew iħaffru mini taħt l-art fejn jiġi xkupat l-ilma mit-toroq u jintrema l-baħar." (par. 5) tfisser:
      i. nippruvaw insibu l-eħfef soluzzjoni
      ii. nistudjaw bis-serjetà xi jrid isir
      iii. nagħmlu ħaġa kontra l-oħra
      iv. nipproduċu ħafna qara' aħmar

3. Agħmel taqsira fi kliemek ta' dak li skont l-awtur kien jiġri fl-imgħoddi. Ikteb bejn **80 u 90 kelma**. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fil-perfett u fit-tielet persuna. (5)

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

4. X'taħseb li kellu f'moħħu l-awtur meta kiteb: "Tisma' lil min jgħid li l-ħlejjaq tal-widien huma stejjer ta' żmien in-nanna." (par. 4). Agħti raġuni għaliex taħseb hekk. (3)

5. L-awtur qiegħed jidentifika **TLIET** problemi ewlenin fis-soċjetà tagħna li qed iwasslu għall-ħela tal-ilma. Liema huma dawn il-problemi u x'soluzzjonijiet possibbli jagħti għalihom? (3)

6. Mill-artiklu li għadek kemm qrajt, x'taħseb li hu t-ton tal-awtur u kif qed iħossu? Għaliex taħseb li qed juża dan it-ton? (3)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. Il-bażi morfoloġika tal-Malti hi Għarbija u, maż-żmien, magħha ntgħaġnu għadd ta' aspetti morfoloġiċi oħra mir-Rumanz u mill-Ingliż. Uri kif seħħ dan u agħti eżempji ta' dawn l-aspetti morfoloġiċi biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek.

**JEW**

2. Matul is-sekli lsienna xorob mill-ilsna tal-ħakkiema li kellu pajjjiżna u żviluppa fi lsien b'lessiku mdakkar minn tliet komponenti ewlenin. Tkellem dwar dan il-lessiku li kollu kemm hu jintiseġ flimkien fi lsien imżewwaq u fl-istess ħin uniku. Iddiskuti wkoll kif nistgħu nikklassifikaw dan il-lessiku b'rabta man-nisel tiegħu.

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 5 ta' Ġunju 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (A)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Għadd ta' poeżiji ta' Oliver Friggieri fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* jindirizzaw lil figura bla isem li fil-poeta tqanqal emozzjonijiet kbar. Iddiskuti.

**JEW**

2. Minkejja li Oliver Friggieri jikkritika lil Malta minħabba d-difetti kbar li jara fiha, f'*Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* jittrażmetti wkoll l-imħabba kbira li għandu lejn pajjiżu. Kif jirnexxilu jagħmel dan mingħajr ma jinħass li qed jikkontradixxi lilu nnifsu?

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Skont Maria Grech Ganado, lil Simone Galea "narawha fil-familja bħala mara u omm qed tikkumbatti l-kunċett li post il-mara huwa d-dar, narawha bħala ħabiba, bħala ċittadina, bħala persuna awtonoma". Din it-taqbida kif twettaqha l-poetessa fil-ġabra tagħha *Xi Drabi Mqar Persuna*?

**JEW**

2. Fil-poeżiji tagħha, Simone Galea tirreferi għax-xewqat tat-tfal u tal-kbar. Kif titkellem fuqhom u kemm taħseb li huma ċentrali fid-dinja poetika li toħloq?

**(Total: 20 marka)**

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA**

**Agħżel silta WAĦDA u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

**F'dan it-taħriġ tippruvax tagħmel sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b'liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.**

(i)

Ġanpatist kien ilu jagħmlu dan ix-xogħol fl-irħula ta' Malta. Billi kien sajjied u l-għajxien tiegħu kien marbut mal-baħar, maltemp jew bnazzi, kien ra li kien ikun wisq aħjar kieku jaqla' xi skud minn band'oħra, u issa kien tant dara li n-nases li kellu ma sewwihomx iżjed, il-kannestri tal-ħut, mitfugħa addoċċ fuq l-ixkafef fil-maħżen tad-dgħajsa, kienu diġà rabbew il-moffa. Issa dirgħajh ukoll kienu juġgħuh wara xi qadfa twila bħal din li kien għamel il-jum ta' qabel. Ħalla s-sajd tal-ħut sabiex jistad lin-nies u jnassas kontra l-Ordni. Il-mara tiegħu, li għajnha għokritha minn dan ix-xogħol ġdid u ikrah ta' żewġha, ta' sikwit kienet twissih u tgħidlu li fl-aħħar il-ġarra ma tinġarrx iżjed għax tinkiser. Kienet iżjed bil-għaqal minnu, għaliex Ġanpatist ma ried jifhem b'xejn, billi t-twissijiet ta' martu kienu minn widna jidħlu u minn oħra joħorġu.

Għalkemm fix-xtiewi qalila ġieli Ġanpatist ma kellux għaxja ta' lejla, hu għaraf jindiehes mal-Prinċep Kamillu, kif kien magħruf aħjar il-Balì de Rohan. Il-prinċep kellu l-klikka tiegħu li kienet tiltaqa' f'maħżen f'Ħal Lija, moħbi qalb is-siġar ta' waħda mill-isbaħ vilel. Hemmhekk, moħbija minn għajn in-nies, kienu jitniżżlu r-rapporti tagħhom, li wara kienu jintbagħtu lejn Franza. Din l-għaqda kienet ilha tħawtel, u f'April tas-sena 1798 il-prinċep ried iħaffef ix-xogħol, għaliex iż-żmien kien qiegħed jagħfas. Ried jibgħat minn taħt l-aħħar aħbarijiet, billi kien maħsub li fis-sajf li kien dieħel Napuljun kien biħsiebu jgħaddi minn Malta u jaħkem dawn il-gżejjer. Il-Balì kien wieħed minn dawk li xtaqu b'ruħhom u ġisimhom jaraw lill-Franċiżi f'Malta. L-Ordni ta' San Ġwann, wara ħajja sabiħa u twila ta' mitejn u tmienja u sittin sena, marad minn ġewwa bla ebda tama ta' fejqan, għaliex l-aħħar sultan, Hompesch, ma rnexxilux irażżan il-Kavallieri. It-tixwix flok raqad, żdied, u kollox kien juri li l-Ordni kien qiegħed iħaffer qabru. X'biża' kellu l-Prinċep Kamillu ladarba kien hemm il-Ġeneral Bonaparti jaqbeż għalih?

Mgħarraf b'dan kollu, Ġanpatist kellu r-riħ fil-qala'. Sab ukoll u tħabbeb ma' Kubritu li, minkejja l-biża' li kien juri, seta' jaqilgħu bi kliemu waqt it-tnassis, li f'dawk ix-xhur ġab tant ħsara. Kubritu wkoll mar Ħal Lija, u wara li qala' kemxa flus bla ebda taħbit, ma ħadha xejn bi kbira li jasal sa Għawdex biex jitkixxef. Dakinhar ukoll kien mogħti ittra mill-prinċep sabiex jagħtiha lill-Kavallier Mesgrigny, li f'dawk ix-xhur kien il-gvernatur ta' Għawdex. Mal-lejl Kubritu tqalleb fuq it-tiben kemm-il darba. Kellu ħolma mill-ikreh, għaliex il-ħsieb li seta' jinqabad imlielu moħħu u fnieh qabel raqad.

*(Mir-rumanz "Il-Qassis Li Rebaħ" ta' Ġorġ Scicluna)*

**JEW**

(ii)

John baqa’ miexi ma’ sħabu sakemm daħlu f’daqsxejn ta’ kamra mbajda kafellatte. Ir-riħa tad-diżinfettant kienet aktar qawwija hawn. F’rokna kien hemm friskatur tal-enamel xi ftit imxaqqaq, mimli ilma kulur il-ħalib. Fin-nofs tal-kamra kien hemm sodda tal-ħadid, u fuqha biss mitraħ baxx tal-ħaxixa, iebes, dejjaq madwar żewġ piedi, mgħotti b’liżar abjad. F’tarf is-sodda kien hemm żewġ pilastri tal-ħadid u fuqhom bħal kuxxinett biex tkun tista’ tpoġġi rkopptejn fuqhom mingħajr tbatija. Ħdejn ras is-sodda kien hemm ċilindru tal-gass u tubi ħerġin minnu li kienu jwasslu sa maskra li minnha kienu jistgħu jagħtu l-loppju.

U fuq is-sodda, mara titkagħweġ fl-agunija tat-twelid. Xejn aktar ma kien uman. Il-qabla ħdejn is-sodda kienet qed tgerwel xi kelmtejn ta’ inkoraġġiment...mill-bogħod, mingħajr ma turi emozzjoni. It-tabib, imsejjaħ ‘registrar’, li kien qed jiddiskuti l-problema mal-istudenti ftit ‘il bogħod mill-pazjenta, jispjega t-teorija tat-twelid, iħażżeż fuq biċċa karta, waqt li l-mara kienet qed tiggranfa mal-ħadid tas-sodda, titlob serħan.

F’daqqa waħda donnu kulħadd sparixxa. It-tabib imgeżwer fl-abjad, iċ-ċorma ta’ studenti li kienu qed isegwuh bħal klikka papri wara ommhom, in-ners...donnu kulħadd f’daqqa waħda kien telaq. Il-mara kienet waħedha, għajnejha kienu magħluqa u l-karba u l-ħniena kienu għabu u minflok niżel bħal għabex sieket ferrieħi fuq wiċċha. Ħemda u kwiet, bħal awra ta’ sbuħija, ta’ tarbija qed titwieled. Agunija u estasi, uġigħ u ħlewwa, folla u solitudni. Kemm kienet ser iddum din il-kalma qabel it-tempesta?

Milli seta’ jiftakar, l-ewwel stadju ta’ ħlas jista’ jdum madwar erbgħa u għoxrin siegħa sakemm għonq l-utru jinfetaħ sew. Erbgħa u għoxrin siegħa, u anke aktar. Imma din il-mara kienet ġa ilha aktar minn daqshekk, u kien suppost wasal il-ħin li titwieled it-tarbija.

Resaq lejn is-sodda jifli sew dak il-wiċċ li kien ra fih tant ħlewwa u tant diqa. Kienet rieqda? Tant kienet tidher fil-paċi, donnu kollox kien waqaf. Qatrejn għaraq kienu għadhom jidhru fuq ħuġbejha. Imma f’daqqa waħda wiċċha nqasam, iġġebbed bħal bugħawwieġ tremend ta’ agunija li ma tistax tpinġiha, u karba ħarġet minn fommha. Fetħet għajnejha b’ħarsa li titlob għajnuna, ħarsa ta’ ċerva li wara ġirja ta’ sigħat waqgħet mal-art għax ma setgħetx tiġri aktar. Ħass difrejha jidħlu f’idejh, għafsa feroċi ta’ waħda qed tegħreq, qed tiggranfa mal-aħħar biċċa għuda tgħum f’wiċċ l-ilma.

“Tabib...” lissnet. “Tabib, se mmut!”

“La tgħidx ħmerijiet,” beda jgħid John. “Ma tarax...kuraġġ, kuraġġ...dalwaqt jgħaddi kollox.”

*(Min-novella “Mixja ta' Dellijiet” tá Maurice Cauchi)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 8 ta' Ġunju 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (B)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IR-RUMANZ**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. F'*Ħelsien*, il-karattri differenti huma magħġuna sew mill-ambjent li jgħixu fih u mill-psikoloġija u ċ-ċirkostanzi individwali tagħhom. Uri dan mill-mod kif il-karattri jġibu ruħhom tul in-nisġa tar-rumanz.

**JEW**

2. Fir-rumanz *Ħelsien*, diversi episodji huma marbuta mal-ambizzjoni tal-karattri. Iddiskuti dan b'rabta ma' kif tiżviluppa l-ġrajja.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IN-NOVELLI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fisser kif Trevor Żahra sikwit jinqeda bl-ambjentazzjoni biex jittratta bosta temi serji u delikati fin-novelli tiegħu f'*Xemgħat*.

**JEW**

2. Fin-novelli ta' Trevor Żahra f'*Xemgħat* l-oġġetti huma importanti daqs il-karattri tad-demm u l-laħam. Uri kif l-awtur jużahom fir-rakkonti tiegħu u ddiskuti l-effetti li joħolqu.

**(Total: 20 marka)**

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Marco Galea jispjega li "Fil-Karnival tista' tkun dak li m'intix fil-bqija tas-sena, tikseb identitajiet temporanji u tadotta mġibiet li s-soltu żżomm lura." X'qegħdin jesprimu l-karattri li lebsin il-kostumi u kif jorbtu mal-kumplament tad-dramm *Karnival*?

**JEW**

2. Manwela hija karattru li jinħass irrabjat u maħkum minn tensjoni kbira. Tkellem dwar l-iżvilupp tagħha tul id-dramm *Karnival*. Agħmel dan b'rabta mal-karattri l-oħra.

**JEW**

3. Id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer jiżviluppa permezz tal-użu ta' diversi simboli u ta' karattri bi kwalitajiet partikolari. Iddiskuti.

**JEW**

4. *Menz* ta' Francis Ebejer jittratta l-ħelsien tal-individwu fi ħdan sistema soċjali li timponi r-riġidità u l-konformiżmu. Uri kif dan iseħħ matul id-dramm.

**(Total: 20 marka)**